MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru 828/2008

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

James Delmar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 94980(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar t'tlettax ta' Awissu 2008:

1. bla ordni skond il-ligi u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil martu Charlene Delmar kontra l-volonta' taghha sabiex jaghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha – bi ksur tal-Artikolu 86 u 87(1)(c)(g) tal-Kap 9;

2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' martu Charlene Delmar – bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kap 9;
3. fl-istess jum, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-martu Charlene Delmar, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra imsemmija fl-Artikolu 222(1) - bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9;
4. fl-istess jum, lok u cirkostanzi ta fastidju lill-martu Charlene Delmar;
5. fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq martu Charlene Delmar – bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap 9;
6. fl-istess jum, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' martu Charlene Delmar, weggahha b'gesti jew bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor – dan bi ksur tal-Artikolu 253(1) u (2) tal-Kap 9;
7. fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel lill-martu Charlene Delmar ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici, jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni – bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;
8. fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-allegat misfatt li jifforma l-origini ta' dawn il-proceduri kriminali jinghad li gara fit-13 ta' Awissu 2008 u jidher li

nthadu l-proceduri wara kwerela intavolata minn mart l-imputat, Charlene Delmar. Mill-evidenza li giet sottomessa jirrizulta li l-imputat u l-allegata parti leza kienu gia’ dak iz-zmien jghixu separatament minn xulxin u l-imputat kien imur izur lill-bintu fid-dar ta’ omm l-kwerelanta, proprjament, fil-garaxx anness mal-fond. Jirrizulta li dan l-istat ta’ fatt kien ezistenti minn mindu l-konjugi sseparaw circa minn sentejn qabel. Dwar kif inbidlet l-posizzjoni illum mhux rilevanti ghajr li jinghad li l-imputat beda proceduri biex jifformalizza s-separazzjoni quddiem il-qorti kompetenti. Il-kwerelanta tistqarr li fil-gurnata ‘de quo’ l-imputat kien mar jesercita l-access tieghu ghall-bintu, li kellha sentejn maghluqa, kif kien mar f’okkazjonijiet innumerevoli qabel. Tghid il-kwerelanta li f’din l-okkazjoni kien hemm xi argument dwar xi flus u meta ommha allontanat ruhha biex iccempel lill-avukat, l-imputat, kif gia’ kien ghamel f’okkazzjonijiet precedenti, beda, fi kliema, “jipprova jrossni ma kull hajt kwazi tal-garaxx …biex jghidli kif ser nergghew nirrangaw u li ghadu jhobbni u affarijiet bhal dawn” [u] “beda jipprova jmissni, jmiss il-partijiet intimi tieghi, sidri, u jimponi ruhu fizikament biex iwaqqafni biex ma nkunx nista nimbuttah”. Spjegat li x’geghla tiehu passi hu “ghaliex it-tifla verament twerwret dak inhar”. Xehdet omm il-kwerelanta li pero’ ftit tefet dawl ta’ dak li issucueda dak inhar. Semmiet l-argument tal-bidu dwar xi flus li ippretenda l-imputat u stqarret li kienu ghal xi flus ta’ bejgh ta’ karozza, li hi kienet pronta irrimarkatlu li ma kien ser jiehu xejn ghaliex dik kienet taghha, u ziedet, li billi hu beda joffendiha u jinsulentha marret iccempel lill-avukat. Altrimenti ma qalet xejn aktar hlief li quddiemha l-imputat m’ghamilx insulti u theddid kontra bintha.

Illi l-imputat min-naha tieghu cahad kemm fl-istqarrija minnhu rrilaxxjata u ikkonfermata ‘viva voce’ u kemm meta xehed minn jeddu quddiem il-Qorti li hu ikkomporta ruhhu kif mistqarr partikolarment mill-kwerelanta.

Illi rinfaccjata b’zewg versjonijiet kontrastanti l-Qorti mhiex propensa li taghti izjed affidament u kredibilita’ lill-versjoni tal-kwerelanta jew ta’ ommha kif sottomess mill-prosekuzzjoni. Fil-verita’ tosserva li hemm akkuzi li ma gewx sostanzjati, per ezempju dik tal-feriti hfief jew dik tal-

ksur tal-paci pubblika; wkoll fil-konfront tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni li huma newtralizzati mix-xhieda tal-istess kwerelanta. Frankament, dina l-Qorti fic-cirkostanzi hi tal-fehma li mhux biss ma taghtix aktar kredibilita' lix-xhieda tal-kwerelanta jew ommha izda l-anqas qeghdha tara xi inkonsistenzi min-naha tal-imputat kif isostni l-prosekuzzjoni.
Ghalhekk u applikata l-massima 'in dubbio pro reo' qeghdha issib l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull piena u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------